A.L. 307 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Applied Chemistry taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Applied Chemistry taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur għall-Kors mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà" tfisser il-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Applied Chemistry;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Applied Chemistry;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Applied Chemistry; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom ikollhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad fix-xjenza bil-kimika bħala l-qasam ta' studju ewlieni miksub fit-tieni klassi bl-unuri jew aħjar; jew

(b) grad fil-farmaċija miksub fit-tieni klassi bl-unuri jew aħjar; jew

(ċ) grad miksub fit-tieni klassi bl-unuri jew aħjar f'qasam ta' studju li l-Bord iqis bħala rilevanti.

(2) Applikanti bi grad fix-xjenza bil-kimika bħala l-qasam ta' studju ewlieni miksub fit-tielet klassi bl-unuri jistgħu jidħlu jekk juru evidenza ta' esperjenza sinifikanti f'xogħol rilevanti għall-qasam ta' studju tal-Kors miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom.

(3) Il-Bord jista' jirrakkomanda lis-Senat in-numru ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għall-Kors, skont id-disponibilità tar-riżorsi. In-numru tal-postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Jekk l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jintgħażlu wara intervista minn bord, li jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri, maħtur għal dan il-għan. Il-Bord għandu jagħżel lill-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tip u l-klassi tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam ta' studju propost; u
(ċ) il-livell milħuq waqt l-intervista.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu, li minnhom 60 kredtu jkunu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 30 kredtu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn għoxrin kredtu, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn tnax-il kredtu jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid tat-taqsima/iet studju li weħlu fiha/om waqt is-sessjoni supplementari tal-eżamijiet ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' taqsimiet studju permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

7. L-istudenti jitħallew jipproċedu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jekk jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'minimu ta' marka medja ta' 60%.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur mill-Bord, li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju. Kull modifika sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut trid tkun approvata mill-Bord.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

9. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju, kemm jekk l-istudent qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* jew *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perjodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

12. Ir-Regolamenti tal-2006 tal-Kors għall-grad ta' Master of Science in Applied Chemistry, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 126 tal-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2009, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2009 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.